Dr Robert Abela
Il-Prim Ministru ta’ Malta Il-Berġa ta’ Kastilja Il-Belt Valletta 22/3/2021

Għażiż Prim Ministru

Re: Il-flyover tal-Imrieħel

Fid-dawl ta’ dak li għaddej dan l-aħħar fiż-żona tal-Imrieħel, qegħdin niktbulek sabiex tintervjeni personalment f’din il-kwistjoni. Ninsabu imħassbin ferm dwar l-impatt li se jkollu l-proġett ta’ Infrastructure Malta mhux biss fuqna bħala residenti, iżda wkoll fuq il-bqija tal-lokalità tagħna, Ħal Qormi, li hija wkoll l-lokalità tiegħek.

Fix-xhur li għaddew sirna nafu dwar il-pjan li għandha Infrastructure Malta għal din iż-żona, minkejja li l-aġenzija għamlet li setgħet biex dawn il-pjanijiet jinżammu moħbija. Minbarra l-aħbar li se jintilfu madwar ħmistax-il tomna raba’ saqwi, li huma proprjetajiet tagħna, firmatarji ta’ din l-ittra, kellna wkoll inħabbtu wiċċna mal-arroganza u n-nuqqas ta’ kollaborazzjoni mill-persunal ta’ IM.

Jispikka b’mod speċjali l-Inġinier Frederick Azzopardi, li wara li ċaħad bosta talbiet għal-laqgħat ta’ informazzjoni, laqagħna u minnufih tana x’nifhmu li għalxejn ippruvajna t-triq tad-djalogu. Barra minn hekk, ħa l-opportunità sabiex jipprova jgiddibna fuq il-midja tal-Istat, filwaqt li aħna bqajna mingħajr l-ispazju biex inwieġbu.

Tista’ timmaġina l-piż ta’ dan kollu fuq saħħitna.

Madankollu, il-Kunsill Lokali l-ġimgħa l-oħra kkonferma li jeżistu pjanti alternattivi għal dak li ġie propost minn IM. Dawn il-pjanijiet mhux biss jippermettu li tissolva l-kwistjoni tas-sikurezza tat-triq li biha IM qed tiġġustifika l-ħtieġa tal-proġett, iżda barra minn hekk, mhux se jieħdu ċentimetru raba’ saqwi minħabba li m’hemmx bżonn li titwessa’ t-triq.

Huwa għalhekk, fi spirtu ta’ djalogu u fiduċja, li nitolbuk tintervjeni sabiex jintlaħaq kompromess bejn ix-xewqat tal-Ministru Borg u tagħna, għaliex inħossu li l-alternattivi huma validi u jgawdu l-fiduċja mhux tagħna biss, iżda ta’ parti kbira mill-opinjoni pubblika u minn numru ta’ għaqdiet li appoġġjawna tul dawn iż-żminijiet.

Il-firmatarji ta’ din l-ittra huma residenti Qriema u bdiewa. Qegħdin nibagħtu wkoll kopja ta’ din l-ittra lill-ġurnali u organizzazzjonijiet tal-midja.

Dejjem Tiegħek Bil-firem ta’;

(Firem)